ta' Vassalli)

1900. Taglaferro Nap. — Annotazioni sulle particolarità fonologiche e grammaticali del linguaggio maltese. mss.

1900. Busuttil Vincenzo — Diziunariu mill Inglis għal Malti Diziunariu mill Malti għal Inglis (miktubin bl-Alfabet tal-Accademia Filologica).

1901. Vassallo Ġanni — Muftieħ tal-Chitba Maltija

1903. Caruana Ant. Emle. — Vocabolario della lingua maltese — preceduto da un compendio di grammatica della stessa favella. Malta.

1904. Preca Annibale — Malta Cananea, ossia Investigazioni filologiche — etimologiche nel linguaggio maltese. (il-kliem malti miktub bl-Alfabet tax-Xirka Xemia).

1906. Caruana Ant. Emle. — Sull'Origine della Lingua Maltese — Studio Storico, Etnografico e Filologico. Malta.

1906. Magro Prof. E. Rettur tal-Universita. — English Maltese Dictionary (mill-ittra A sal-ittra L) Malta.

1911. IL-HABIB — Ġurnal tal-Unione Cattolica San Giuseppe, Valletta — kienu jiktbu fih xi 20 ruħ b'xejra letterarja; fih, fil-21 ta' Settembru, 1920, saret is-sejħa ta' Franġisk Saverju Caruana li tat bidu tal-Akkademja tal-Malti (Għaqda tal-Kittieba tal-Malti).

1915. Taglaferro Nap. — L'Elemento Neo-Latino nel Lessico Maltese — Malta.

1920. Xirka Filoloġika Letterarja.

1920-1921. Għaqda tal-Kittieba tal-Malti.

1921. Vassallo Ġanni. — L-Orografija Maltija mss.

1921. Cremona Ant. — Compendio sulla ortografia razionale del Dialetto Maltese. mss.

18.12.1921. Abbozz ta' l-Alfabet imressaq mill-Kummissjoni tal-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti quddiem il-Laqgħa Ġenerali, u li għadda bit-tibdil ta' żewġ ittri.

1922. Vassallo Ġanni — L'Ortografia Maltese mss.

1924. L-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti. — Tagħrif fuq il-Kitba Maltija — Stamperija tal-Gvern, Malta.

1925. Marzu - L-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti. — Bidu tal-ħruġ tal-organu tagħha: IL-MALTI.

1928. Vassallo Ġanni — Ortografia Maltese — mhux bl-alfabet tal-Għaqda.

1929. Cremona Antonio — A Manual of Maltese Orthography and Grammar (mhux bl-alfabet tal-Għaqda).

5.12.1929. Talba lill-Gvern biex jagħraf uffiċjalment l-Alfabet u l-



Ortografija tal-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti.

1931. Vassallo Ġanni. — It-Tieni Muftieħ tal-Chitba Maltija. (mhux bl-alfabet tal-Għaqda).

6.9.1932. Ċirkolari tad-Direttur tal-Iskejjel Elementari fuq ordni tal-Ministru, Enrico Mizzi sabiex il-Malti jinkiteb u jkun mgħallem b'mod li jservi għat-tagħlim tat-Taljan.

1.10.1932. Protesta qawwija tal-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti kontra ċ-ċirkolari tas-6 ta' Settembru, 1932, tad-Direttur tal-Iskejjel tal-Gvern.

1.4.1934. Il-Gvern jagħraf uffiċjalment l-Alfabet u l-Ortografija tal-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti; b'din is-sistema jibdew jinkitbu bil-Malti d-dokumenti uffiċjali: il-Malti sar l-Ilsien Uffiċjali tal-Qorti, bdew jinkitbu bih l-atti notarili, daħal fil-Parlament u... fil-knejjes tagħna.

1935. Marzu. Cremona Ant. — Tagħlim fuq il-Kitba Maltija I — mibni fuq it-Tagħrif fuq il-Kitba Maltija tal-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti.

1936. Sutcliffe Edmund F., Ġeżwita Ingliż. — A Grammar of the Maltese Language. Oxford, England.

1938. Cremona Ant. — Tagħlim fuq il-Kitba Maltija II 1 Ediz. Malta.

1941. Cremona Ant. — Tagħlim fuq il-Kitba Maltija II 2 Ediz. Malta.

1959. Aquilina Joseph, Professur tal-Malti u l-Ilsna Orjentali fl-Univ. Rjali ta' Malta. — The Structure of Maltese.

1961. Aquilina Joseph Professur. — Papers in Maltese Linguistics.

**(Jissokta)**

* * *

# MA KONTX INKUN JIEN

**ta' RODRIG BIN-BOVINGDON**

......għaliex ma kontx inkun
li jien,
li kieku ma kontx,
dak li kien
meta kien,
il-'Jien'.

Iżda kont inkun
dak li jiena,
kieku llum
kont,
li kieku dak li kien,
il-'Jien',
kellu jkun
mill-bidu,
li hu,
dak li jien.